

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Aktieselskabet af 21. november 2001 (Brande, id-Danimarka)

**Appell ippreżentat minn Luigi Marcuccio fid-19 ta' Jannar 2009 kontra d-digriet tal-4 ta' Novembru 2008 tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-87/07, Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża T-16/09 P**)

(2009/C 55/86)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

## Talbiet tar-rirkorrent

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-3 ta' Novembru 2008 fil-Każ R 858/2007-2;
- tiċħad l-oppożizzjoni tal-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-25 ta' Jannar 2005 kontra l-applikazzjoni għal regiżazzjoni tat-trade mark Komunitarja — Applikazzjoni Nru 3 493 137; u
- tordna li l-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tħalli l-ispejjeż tal-proċedimenti, inkluż l-ispejjeż sost-nuti matul il-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

## Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rirkorrent

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "James Jones" għal prodotti fil-klassi 25

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* It-trade mark verbali "Jack & Jones" irregjistrata fil-Komunità bin-Nru 1 107 747 għal prodotti fil-klassijiet 3, 18 u 25; it-trade mark verbali "Jack Jones" irregjistrata fir-Renju Unit bin-Nru 2 063 437 għal prodotti fil-klassi 25; it-trade mark verbali "Jack Jones" irregjistrata fil-Benelux bin-Nru 474 622 għal prodotti fil-klassi 25; it-trade mark verbali "Jack & Jones" irregjistrata fid-Danimarka bin-Nru VR 1990 06569 għal prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni għal prodotti kollha kkontestati milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord tal-Appell qies b'mod żbalj li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark ikkonċernati; ksur tal-Artikolu 43(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li ebda prova ta' użu ma ġiet ippreżentata quddiem il-Bord tal-Appell fir-rigward tat-trade mark irregjistrata fir-Renju Unit bin-Nru 2 063 437.

## Partijiet

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avvocato)

*Parti l-oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

## Talbiet tal-appellant

— Fi kwalunkwe każ:

- (A.1) tannulla fl-intier tiegħu u mingħajr eċċeżżjoni d-digriet appellat.
- (A.2) tiddikjara li r-rikors fl-ewwel istanza kien għal kollox ammissibbli.

— Prinċipalment:

- (B.1) tilqa' fl-intier tagħhom u mingħajr eċċeżżjoni t-talbiet tal-appellant li jinsabu fir-rikors fl-ewwel istanza;
- (B.2) tikkundanna l-appellata għall-ħlas lura lill-appellant tal-ispejjeż kollha, inkluż kemm dawk tal-ewwel istanza kif ukoll dawk tal-appell;
- sussidjarjament:
- (B.3) tirrinvi ja l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, b'kompożizzjoni ġidida, sabiex tiddeċiedi mill-ġdid fuq l-istess talbiet.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni appellata f'din il-kawża hija d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tal-4 ta' Novembru 2008, adottata fil-Kawża T-87/07 L. Marcuccio vs Il-Kummissjoni.

L-aggravji u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk li ġew invokati fil-Kawża T-9/09 L. Marcuccio vs Il-Kummissjoni.

L-appellant issostni, b'mod partikolari, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma ddeċidieq fuq punt fundamentali tal-kawża, jiġifieri dwar l-awtorizzazzjoni li tiġi ppreżentata nota ffismu minn tabib. Qed jiġi invokat ukoll in-nuqqas assolut ta' motivazzjoni u n-nuqqas ta' loġika tad-deċiżjonijiet dwar l-allegata inammis-sibbiltà tat-talba għad-danni, tat-talba li t-Tribunal jiddikjara "l-eżistenza tal-atti, fatti u aġir inkwistjoni kif ukoll, tal-anqas b'mod inċidentali, l-illegalità tagħhom", u tar-rikors fl-ewwel istanza fl-intier tiegħu.